Nru. 17,721
Prezz Lm1.60ċ
Price Lm1.60c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 8 ta' Frar, 2005
Tuesday, 8th February, 2005

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 124

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 17,717 u 17,719 ta' l-1 u l-4 ta' Frar, 2005, rispettivament.

A.L. Nru. 30 ta' l-2005: Att dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel (Kap. 449); Regolamenti ta' l-2005 dwar Dolċifikanti għall-Użu f'Oġġetti ta' l-Ikel.

A.L. Nru. 31 ta' l-2005: Att ta' l-2004 li Jemenda l-Att dwar ir-Rifuġjati (Att Nru. VIII ta' l-2004).

A.L. Nru. 32 ta' l-2005: Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar (Kap. 158); Indiċi ta' l-Inflazzjoni għas-Sena 2004.

A.L. Nru. 33 ta' l-2005: Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki (Kap. 451); Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' l-Edukazzjoni u t-Taħriġ Professjonali.

A.L. Nru. 34 ta' l-2005: *Plant Quarantine Act, 2001 (Act No. XVII of 2001); Identity and Plant Health Checks of Plants, Plant Products or other Objects carried out at place other than point of entry into the European Community Regulations, 2005*.

A.L. Nru. 35 ta' l-2005: I*nsurance Business Act (Cap. 403); Insurance Brokers and Other Intermediaries Act (Cap. 404); European Passport Rights for Insurance Intermediaries Regulations, 2005*.

A.L. Nru. 36 ta' l-2005: *Malta Financial Services Act (Cap. 330); Distance Selling (Retail Financial Services) Regulations, 2005*.

GOVERNMENT NOTICES

No. 124

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 17,717 and 17,719 of the 1st and the 4th February, 2005, respectively.

L.N. No. 30 of 2005: Food Safety Act (Cap. 449); Sweeteners for Use in Foodstuffs Regulations 2005.

L.N. No. 31 of 2005: Refugees (Amendment) Act, 2004 (Act No. VIII of 2004).

L.N. No. 32 of 2005: Housing (Decontrol) Ordinance (Cap. 158); Index of Inflation for the Year 2004.

L.N. No. 33 of 2005: Mutual Recognition of Qualifications Act (Cap. 451); Mutual Recognition of Professional Education and Training (Amendment) Regulations, 2005.

L.N. No. 34 of 2005: Plant Quarantine Act, 2001 (Act No. XVII of 2001); Identity and Plant Health Checks of Plants, Plant Products or other Objects carried out a place other than point of entry into the European Community Regulations, 2005.

L.N. No. 35 of 2005: Insurance Business Act (Cap. 403); Insurance Brokers and Other Intermediaries Act (Cap. 404); European Passport Rights for Insurance Intermediaries Regulations, 2005.

L.N. No. 36 of 2005: Malta Financial Services Actt (Cap. 330); Distance Selling (Retail Financial Services) Regulations, 2005.

A.L. Nru. 37 ta' l-2005: Att ta' l-2004 li jemenda l-Kodiċi Ċivili (Att Nru. XVIII ta' l-2004).

L.N. No. 37 of 2005: Civil Code (Amendment Act), 2004 (Act No. XVIII of 2004).

A.L. Nru. 38 ta' l-2005: Att dwar Poteri li Jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali (Kap. 365); Regolamenti ta' l-2005 dwar Sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tal-Kosta ta' l-Avorju.

L.N. No. 38 of 2005: National Interest (Enabling Powers) Act (Cap. 365); United Nations Sanctions (Ivory Coast) Regulations, 2005.

A.L. Nru. 39 ta' l-2005: Att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta' Minuri (Kap. 410); Ordni ta' l-2005 li jemenda l-Ordni dwar il-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Ċivili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri.

L.N. No. 39 of 2005: Child Abduction and Custody Act (Cap. 410); Convention on the Civil Aspects of International Child Abduction (Amendment) Order, 2005.

A.L. Nru. 40 ta' l-2005: Att dwar ir-Rifuġjati (Kap. 420); Regolamenti ta' l-2005 li Jemendaw l-Iskeda li tinsab ma' l-Att dwar ir-Rifuġjati.

L.N. No. 40 of 2005: Refugees Act (Cap. 420); Refugees Act (Amendment of Schedule) Regulations, 2005.

A.L. Nru. 41 ta' l-2005: Att dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ (Kap. 343); Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw l-Iskema dwar Apprendistat Tekniku.

L.N. No. 41 of 2005: Employment and Training Services Act (Cap. 343); Technician Apprenticeship Scheme (Amendment) Regulations, 2005.

It-8 ta' Frar, 2005

8th February, 2005

Nru. 125

KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (KAP. 12)

Kuraturi Uffiċjali u Avukati għal Għajnuna Legali

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi dawn li jidhru hawn taħt ġew maħtura bħala Kuraturi Uffiċjali u Avukati għal Għajnuna Legali għall-perjodu bejn id-9 ta' Frar, 2005 u t-28 ta' Frar, 2005.

Malta
Dott. Renzo Porsella Flores, LL.D.
Dott. Vincent Galea, LL.D.
Dott. Beppe Fenech Adami, LL.D.
Dott. Martin Fenech, LL.D.
Dott. Tonio Azzopardi, LL.D.
Dott. Mark Busuttil, LL.D.
Dott. Anthony Cutajar, LL.D.
Dott. Richard Sladden, LL.D.
Dott. Leslie Cuschieri, LL.D.
Dott. Stefano Filletti, LL.D.
Dott. Patrick Valentino, LL.D.

Għawdex
Dott. Chris Said, LL.D.
Dott. Mario Scerri, LL.D.

It-8 ta' Frar, 2005
MJ/44/88/IV

No. 125

CODE OF ORGANIZATION AND CIVIL PROCEDURE (CAP. 12)

Official Curators and Advocates for Legal Aid

IT is notified for general information that the following have been appointed Official Curators and Advocates for Legal Aid, for the period 9th February, 2005 up to 28th February, 2005.

Malta
Dr Renzo Porsella Flores, LL.D.
Dr Vincent Galea, LL.D.
Dr Beppe Fenech Adami, LL.D.
Dr Martin Fenech, LL.D.
Dr Tonio Azzopardi, LL.D.
Dr Mark Busuttil, LL.D.
Dr Anthony Cutajar, LL.D.
Dr Richard Sladden, LL.D.
Dr Leslie Cuschieri, LL.D.
Dr Stefano Filletti, LL.D.
Dr Patrick Valentino, LL.D.

Gozo
Dr Chris Said, LL.D.
Dr Mario Scerri, LL.D.

8th February, 2005

Nru. 126

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ (KAP. 441)

Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002

SKOND id-dispożizzjonijiet tar-regolament 8 tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002, is-Sezzjoni għal Liċenzar tal-Kummerċ qieghda hawnhekk tippubblika avviżi ta' l-applikazzjonijiet li ġejjin:

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2005 Pt 35	Anthony Ventura	Ventura Plot 1 Aldo Moro Road Marsa	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale* *and retail trade*	52.45 51.40 52.44 52.7	03.02.05
CD/3209/2004 Pt 363	Reginald Cuschieri	Wild Guys Triq il-Herba Birkirkara	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale* *and retail trade*	52.33 52.48 52.42	03.02.05
CD/3209/2005 Pt 33	Brian Anthony Pio Cauchi	Skidmarks Technician Ltd 46 Luret Cutajar Street Żebbuġ Malta	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale* *and retail trade*	50.2	03.02.05
CD/3209/2005 Pt 34	Simon Bonnici	Simon's Salon St Helen Square Birkirkara	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI - Social* *and personal services*	93.021	03.02.05
CD/3209/2005 Pt 36	Joseph Carabott	J. Carabott Fine Art Il Posto Triq l-Arzmell Marsaxlokk	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale* *and retail trade*	92.5 52.48.13	03.02.05

Kull persuna li għandha interess, tista' tagħmel oġġezzjonijiet jew ilmenti kontra l-għoti ta' liċenza fuq kwistjonijiet ta' kummerċ biss. Kull oġġezzjoni jew ilment għandu jingħata bil-miktub lis-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ, Direttorat għas-Servizzi tal-Kummerċ, Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta, fi żmien għaxart ijiem mid-data li tidher hawn taħt.

It-8 ta' Frar, 2005

No. 126

TRADING LICENCES ACT (CAP. 441)

Trading Licences Regulations 2002

IN terms of the provisions of regulation 8 of the Trading Licences Regulations 2002, the Trade Licensing Unit is hereby publishing a notice of the following applications:

Any person showing an interest may file an objection or make representations against the grant of this licence only on trade issues. Such objections or representation may be filed in writing at the Trading Licences Unit, Trade Services Directorate, Commerce Division, Lascaris, Valletta, within ten days from the date shown below.

8th February, 2005

Nru. 127

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TA' L-ATT TA' L-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI (ATT NRU. XIII TA' L-1996)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skond l-artikoli 7 u 8 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 127

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND LOCAL WARDENS ACT, 1996 (ACT NO. XIII OF 1996)

THE Commissioner of Police, in terms of sections 7 and 8 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal-liċenza Gwardjani Privati
Application for licence of a Private Guard

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta ta' l-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Damian Cacciattolo	269081 (M)	"Pari", Triq il-Klin, Iklin
Jason Gatt	317474 (M)	31, "Jeste", Triq l-Iżbark tat-Torok, Birżebbugia
Daniel Borg	578183 (M)	"Dan Tes", Triq Wied il-Għajn, Żabbar
Mario Scerri	178361 (M)	"Palazzo Quirinale", Flat 2, Triq il-Port Ruman, San Pawl il-Baħar
Joseph Mangani	358454 (M)	90, "Odessa", Triq Francesco Buhagiar, Birkirkara
Angelo Fenech	360057 (M)	175, "Shalom", Triq Anglu Mallia, Birkirkara
Rachael Louise Callus	276290 (M)	108, "Daffodil", Triq Santa Marija, Gudja
Albert Law	308059 (M)	49, Triq Pawlu Magri, Luqa
Pierre Micallef	370183 (M)	36, Triq l-Imsida, Birkirkara
Karl Carmel Mifsud	399380 (M)	17, "Carina", Triq Schembri, Ħamrun

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali ta' l-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà ta' l-istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarjatagħha tkun prekarja jew xort' oħra tagħmel lill-applikant mhux adattat; jew

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew tal-forzi armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(ċ) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

It-8 ta' Frar, 2005

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

8th February, 2005

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 7

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skond l-Avviż Legali 94/97, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jipparkjaw fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ir-Rabat - Malta

Nhar l-Erbgħa, id-9 ta' Frar 2005, bejn l-4.30 p.m. u s-7.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Pawl, San Ġużepp, Santu Wistin, ir-Repubblika, il-Kbira, Gusmana Navarra, Misraħ il-Parroċċa u Pjazza L'Isle Adam.

Valletta

Nhar il-Ħamis, l-10 ta' Frar 2005, minn nofsinhar 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: San Pawl bejn Melita u San Duminku, San Duminku bejn San Pawl u l-Merkanti, il-Merkanti bejn San Duminku u l-Arċisqof, l-Arċisqof bejn il-Merkanti u r-Repubblika, ir-Repubblika bejn l-Arċisqof u t-Teatru l-Antik, Pjazza San Ġwann bejn ir-Repubblika u l-Merkanti, il-Merkanti bejn San Ġwann u Melita, Melita bejn il-Merkanti u San Pawl u s-Central Bank Parking Area, faċ-ċata tal-Berġa ta' Kastilja.

Vetturi misjuba f'kontravenzjoni ta' dan l-Avviż jistgħu jiġu rmunkati.

It-8 ta' Frar, 2005

POLICE NOTICE

No. 7

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as shown on the dates and times indicated.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Rabat - Malta

On Wednesday, 9th February 2005, between 4.30 p.m. and 7.00 p.m. through the folllowing streets: San Pawl, San Ġużepp, Santu Wistin, ir-Repubblika, il-Kbira, Gusmana Navarra, Misraħ il-Parroċċa and Pjazza L'Isle Adam.

Valletta

On Thursday, 10th February 2005, from noon onwards through the following streets: San Pawl between Melita and San Duminku, San Duminku between San Pawl and il-Merkanti, il-Merkanti between San Duminku and l-Arċisqof, l-Arċisqof between il-Merkanti and ir-Repubblika, ir-Repubblika between l-Arċisqof and it-Teatru l-Antik, Pjazza San Ġwann between ir-Repubblika and il-Merkanti, il-Merkanti between San Ġwann and Melita, Melita between il-Merkanti and San Pawl and the Central Bank Parking Area opposite Auberge de Castille.

Vehicles found in contravention of this Notice are liable to be towed.

8th February, 2005

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' Uffiċjal Legali *Junior*/Uffiċjal Legali fid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u ta' l-Impjieg fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Uffiċjal Legali *Junior*/Uffiċjal Legali fid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u ta' l-Impjieg fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg.

2. Il-post ta' Uffiċjal Legali *Junior* għandu salarju ta' Lm5,841 fis-sena, li jiżdied b'Lm192 kull sena sa massimu ta' Lm6,993 kull sena (Skala ta' Salarju 9).

2.1 Persuna fil-ħatra ta' Uffiċjal Legali *Junior* tinħatar Uffiċjal Legali fi Skala 8 (Lm6,211 x Lm209 - Lm7,465) wara sentejn (2) ta' servizz sodisfaċenti fil-kariga.

2.2 Persuna magħżula li jkollha mill-inqas tliet (3) snin ta' prattika legali pprovati wara li tkun kisbet il-*warrant* ta' Avukat, tinħatar Uffiċjal Legali fuq skala tas-salarju 8 (Lm6,211 x Lm209 - Lm7,465).

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, tkun fuq bażi *full-time* u taqa' taħt ir-regoli u regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali, u d-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u ta' l-Impjieg fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol b'mod partikolari, u l-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

3.1 Il-persuna nominata ma titħalliex tipprattika l-professjoni tagħha privatament.

4. Persuna fil-grad ta' Uffiċjal Legali *Junior*/Uffiċjal Legali tkun meħtieġa li tipprattika l-professjoni ta' avukat fi ħwejjeġ li għandhom xorta ta' rutina taħt is-sorveljanza ta' membri aktar anzjani. Ir-responsabbilitajiet ta' Uffiċjal Legali *Junior*/Uffiċjal Legali jinkludu b'mod partikulari f'pariri legali f'dak li għandu x'jaqsam mat-Tribunal Industrijali u assistenza lid-Dipartiment f'direttivi ta' l-EU u f'interpretazzjoni legali tal-liġi Industrijali f'Malta u dik ta' l-EIRA/liġi sussidjarja.

5. L-applikanti għandhom:-

(i) ikunu ċittadini ta' Malta;

(ii)(a) ikollhom il-*warrant* biex jipprattikaw il-professjoni ta' Avukat f'Malta;

JEW

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Junior Legal Officer/Legal Officer in the Department of Industrial and Employment Relations in the Ministry of Education, Youth and Employment

The Public Service Commission invites applications for the post of Junior Legal Officer/Legal Officer in the Department of Industrial and Employment Relations in the Ministry of Education, Youth and Employment.

2. The salary for the post of Junior Legal Officer is Lm5,841 per annum rising by annual increments of Lm192 up to a maximum of Lm6,993 (Salary Scale 9).

2.1. A Junior Legal Officer will, subject to satisfactory performance, be upgraded to Legal Officer on salary scale 8 (Lm6,211 x Lm209 - Lm7,465) on completion of two (2) years service in the grade.

2.2 The successful applicant who has at least three (3) years of proven legal practice after obtaining the warrant to practise as Advocate, will be appointed as Legal Officer in salary scale 8 (Lm6,211 x Lm209 - Lm7,465).

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and the Department of Industrial and Employment Relations in the Ministry of Education, Youth and Employment in particular, and involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

3.1. The appointee will not be allowed the private practice of his/her profession.

4. The Junior Legal OfficerċLegal Officer will be required to exercise his/her profession in matters of a routine nature under the supervision of senior staff. In particular, duties include tendering advice to the Industrial Tribunal and assisting the Department in the ongoing harmonisation of EU directives and the legal interpretation of Maltese labour legislation and the EIRA/subsidiary legislation.

5. Applicants must be:-

(i) citizens of Malta;

(ii) (a) in possession of a warrant to practice the profession of Advocate in Malta;

OR

(b) ikunu persuni li għandhom il-kwalifiki akkademiċi biex jieħdu dan il-*warrant;*

(iii) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma impjegati mal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47);* dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw ċ ertifikat tal-kondotta maħruġa mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern u jagħtu d-dettalji).

5.1 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lil dawk l-applikanti li jkunu midħla tar-relazzjonijiet industrijali u mpjieg u ta' l-għarfien dwar il-liġi tax-xogħol ta' l-E.U.

5.2 Applikanti li jaqgħu taħt paragrafu 5. (ii) (b) jiġu kkunsidrati biss jekk ma jkunx hemm biżżejjed applikanti taħt paragrafu 5. (ii) (a). Barra minn hekk, dawn l-applikanti jistgħu jinħatru biss meta jiksbu l-*warrant* biex jipprattikaw bħala Avukati.

6. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNDP) jistgħu jgawdu minn bdil raġonevoli skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anki jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eligibilità għall-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minn-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.1 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuni jkollhom għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti. (Fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali jridu jintwerew waqt l-intervista).

8. L-applikanti eliġibbli jridu joqogħdu għal intervista minn Bord ta' l-Għażla biex jitqies min ikun adattat għall-post.

8.1 Ir-riżultat ta' l-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jkun esebit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u ta' l-Impjieg.

(b) persons having the academic qualifications to obtain such warrant;

(iii) of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications, and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

5.1 Due consideration will be given to applicants conversant with employment and industrial relations and knowledgeable in EU labour legislation.

5.2 Applicants under paragraph 5. (ii) (b) will only be considered if there are not enough suitable applicants under paragraph 5 (ii) (a). Such applicants, moreover, will only become appointable on attainment of the warrant to practise as Advocate.

6. Persons registered with the National Commission of Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and the approval of the Public Service Commission.

6.1 Representation in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

7. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials. (Photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview.)

8. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for appointment to the post.

8.1 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of the Industrial and Employment Relations Department.

8.2 Avviż dwar il-hruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u wkoll fuq il-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Johroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

8.3 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

9. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adattata għal dan il-post.

10. Il-persuna magħżula tista' wkoll tkun meħtieġa tattendi għall-korsijiet ta' taħriġ kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta. Persuna li tintbagħat biex tagħmel korsijiet ta' taħriġ barra minn Malta tkun marbuta bil-kundizzjonijiet relevanti mniżżla fil-*Public Service Management Code*.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjonijiet jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

12. L-applikazzjonijiet, flimkien ma' *curriculum vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur tar-Relazzjonijiet Industrijali u ta' l-Impjieg, 121, Triq Melita, Valletta sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-4 ta' Marzu 2005.

13. Applikazzjonijiet li jiġu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ simili ieħor sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u ta' l-Impjieg mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment riċeventi huwa 0356-243177).

14. (a) Applikazzjonijiet meħuda lid-Dipartiment jiġu ċertifikati bil-miktub bħala li ntlaqgħu mid-Direttur tar-Relazzjonijiet Industrijali u ta' l-Impjieg.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi sad-data ta' l-għeluq. Tintbagħat irċevuta mid-Direttur tar-Relazzjonijiet Industrijali u ta' l-Impjieg fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-8 ta' Frar, 2005

8.2 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

8.3 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the publication of the notice in the Government Gazette.

9. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

10. The selected applicant may also be required to undergo training courses in Malta or abroad. When following courses abroad, he/she will be bound by the relevant conditions laid down in the Public Service Management Code.

11. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

12. Applications together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience will be received in the first instance by the Director, Department of Industrial and Employment Relations, 121, Triq Melita, Valletta by not later than noon of Friday, 4th March 2005.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Department of Industrial and Employment Relations by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the receiving Department is (0356-243177).

14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director, Department of Industrial and Employment Relations and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Director, Department of Industrial and Employment Relations, within seven (7) days.

8th February, 2005

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Ingaġġ ta' Skrivani *Part-Time* fi Skejjel Statali

Id-Direttur Ġenerali ta' l-Edukazzjoni jgħarraf li jintlaqgħu applikazzjonijiet mingħand persuni interessati li jiġu impjegati bħala skrivani fuq bażi *part-time* biex iwettqu dmirijiet f'dan iċ-Ċentru:

Skola Primarja Carmelo Caruana, Ħal Safi

2. Il-ħlas ikun bir-rata ta' Lm1.86 għal kull siegħa maħduma. L-Iskrivani *Part-Time* ikunu intitolati għall-*bonus* annwali u l-ħlas supplimentari ta' kull ġimgħa, it-tnejn fuq bażi *pro-rata* skond in-numru ta' sigħat maħduma.

3. L-ingaġġ ikun ta' natura għal kollox temporanja u jista' jintemm mill-Gvern jew mir-rappreżentant tiegħu jew inkella mill-istess Skrivan *Part-Time,* f'kull żmien, billi jingħata avviż bil-miktub ġimgħa qabel, bla ma tingħata raġuni. L-ingaġġ ikun terminat xorta waħda għal matul il-vaganzi ta' l-iskola tas-Sajf jew inkella matul parti minnhom.

4. Il-kandidati li jintgħażlu huma mistennija li jaħdmu bejn l-20 u l-25 siegħa fil-ġimgħa, normalment ħames sigħat kull ġurnata, fil-ħinijiet ta' l-iskola.

5. L-Iskrivani *Part-Time* huma intitolati għal-*leave* bil-ħlas u *leave* għall-mard skond kif hemm provdut fis-Sezzjoni 4.11 tal-PSMC.

6. L-Iskrivani *Part-Time* ma jkunux eliġibbli biex japplikaw għas-sejħiet għall-applikazzjonijiet li jkunu miftuħin għall-impjegati tal-Gvern ta' Malta.

7. Il-kandidati għandhom:

a) ikunu ċittadini ta' Malta jew ta' Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija;

ċ) (i) ikollhom ċertifikat tal-GCE/Matrikola/SEC/Matsec (1-5) li juru *passes* fil-Livell Ordinarju fil-Malti, Lingwa Ingliża, fil-Matematika u f'żewġ suġġetti oħra jew kwalifiki komparabbli;

JEW

(ii) jipprovdu evidenza li turi li huma kellhom impieg regolari mal-Gvern ta' Malta fi grad ta' mhux inqas minn Skrivan;

(d) (i) ikollhom *passes* f'*Modules* 2,3,4 ta' l-ECDL;

EDUCATION DIVISION

Engagement of Part-Time Clerks in State Schools

The Director General Education Division, invites applications for the engagement of Clerks on a Part-time basis to perform duties at the following School:

Carmelo Caruana Safi Primary School

2. Remuneration will be at a rate of Lm1.86 for every hour worked. Part-time Clerks will also be entitled to the annual bonus and the weekly income supplement both on a pro-rata basis according to the number of hours worked.

3. The engagement will be of an entirely temporary nature and may be terminated by the Government or his lawful representative, or by the Part-Time Clerk at any time, by giving a week's notice in writing without specifying any reason therefor. The engagement will however be suspended for the whole or part thereof, of the School Summer holidays.

4. Selected candidates will be expected to work between 20 and 25 hours a week, normally between 5 hours a day, during school hours.

5. Part-time Clerks will be entitled to paid vacation, sick or other type of paid leave as laid down in Section 4.11 of the PSMC.

6. Part-time Clerks will not be eligible to apply for internal calls for applications open to serving Malta Government employees.

7. Candidates must:

a) be citizens of Malta or a European Union Member State;

b) must have the ability to communicate in the Maltese Language;

c) (i) be in possession of GCE/Matriculation/SEC/Matsec (1-5) certificates showing passes at Ordinary Level in Maltese, English Language, Mathematics and at least two other subjects or comparable qualifications;

OR

(ii) produce evidence that they had held a regular employment with the Malta Government not below the grade of Clerk;

(d) (i) be in possession of passes in Modules 2,3,4 of the ECDL;

JEW

(ii) ikunu jafu tajjeb il-*computer office applications*. L-applikanti jiġu ttestjati permezz ta' *test* prattiku biex jiġi żgurat li għandhom l-għarfien meħtieġ f'dan il-qasam.

(e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (ċertifikat tal-Pulizija dwar il-kondotta maħruġ fi żmien sitt xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet, għandu jinthemeż ma' l-applikazzjoni);

(f) ikunu ta' età ta' 17-il sena jew aktar. L-applikanti jridu jissottomettu ċertifikat tat-twelid tagħhom flimkien ma' ċertifikat tat-twelid ta' missierhom. Iż-żewġ ċertifikati jridu jkunu dawk maħruġa minn Awtoritajiet Pubbliċi kkonċernati.

(ġ) (i) Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-post/pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office*.

(ii) Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Kap ta' l-Iskola u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza jeħtieġ li jkunu kkonfermati minn ċertifikati u/jew dikjarazzjonijiet. (Fotokopji għandhom jiġu meħmuża ma' l-applikazzjoni). L-oriġinali ta' kull dokument għandu jiġi sottomess għall-verifikazzjoni fil-ħin ta' l-intervista.

9. L-applikanti li jiġu ttestjati u jinstabu li jafu tajjeb il-*computer* jew jiġu kkonfermati li għandhom l-*passes* f'*Modules* 2, 3 u 4 taċ-Ċertifikat ta' l-ECDL, indikati f'paragrafu 7 d(i) hawn fuq, ikunu intervistati minn Bord ta' Għażla biex jiġi stabbilit kemm huma adattati għall-post ta' Skrivan *Part-time*.

10. Il-riżultat u l-ordni tal-meritu finali li joħroġ għal kull skola ma jibqax validu wara sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat finali.

11. Il-post vakanti u kull vakanza oħra li tinħoloq fl-istess Skola timtela skond l-ordni tal-meritu finali li tkun ġiet

OR

(ii) have a good working knowledge in computer office applications. Applicants will have to sit for a practical test to establish their knowledge in this area.

(e) be of good moral character (a Police certificate of conduct issued within 6 months prior to the closing date of applications should be provided);

(f) be 17 years of age or older. Applicants should produce their Birth Certificate with that of their father (issued from appropriate Public Authorities).

(g) (i) Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office.

(ii) Representatins in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Head of school and copied to the NCPD.

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview stage).

9. Eligible applicants who are tested and found to possess good working knowledge in Computing or who are confirmed to be in possession of the required passes in modules 2, 3 and 4 of the ECDL Certificate indicated in paragraph 7d(i) above, will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post of Part-time Clerk.

10. The validity of the final order of merit put up for each school will expire after two years from the publication of the final result.

11. The vacant post and any subsequent vacancy arising in each particular School will be filled in accordance with the

iffissata wara l-intervista u t-*test* li għalihom saret riferenza f'paragrafu numru 9 hawn fuq.

12. Il-kandidati magħżula jsirilhom eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adattati għall-post.

13. (a) Applikazzjonijiet fuq il-formola preskritta, u li jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju tal-Kap ta' l-Iskola li għaliha tkun ser issir l-applikazzjoni, jintlaqgħu mill-istess Kap ta' l-Iskola sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa, il-25 ta' Frar, 2005.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta sad-data ta' l-għeluq għall-applikazzjonijiet, permezz tal-*fax* jew inkella permezz ta' messaġġ ieħor simili, jiġu kkunsidrati sakemm dawn ikollhom id-dettalji kollha mitluba. L-applikazzjoni formali bil-firma ta' l-applikant trid tasal fl-Iskola sa mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq flimkien ma' spjegazzjoni dwar id-dewmien.

14. (a) L-applikazzjonijiet imwassla bl-idejn jingħataw irċevuta mill-Kap ta' l-Iskola u rċevuta tingħata dak il-ħin stess.

(b) Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jintbagħtu rreġistrati fi żmien tajjeb biex jaslu qabel id-data u l-ħin ta' l-għeluq. L-applikazzjonijiet jingħataw irċevuta bil-miktub mill-Kap ta' l-Iskola, fi żmien sebat ijiem.

15. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

It-8 ta' Frar, 2005

final order of merit put up after the interview and the test referred to in 9 above.

12. Successful candidate/s selected to fill the vacant post/s will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

13. (a) Applications on the prescribed form are available from the Office of the Head of School for which the application is intended, will be received by the same Head of School by not later than noon of Friday, 25th February, 2005.

(b) Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the School by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay.

14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Head of School and a receipt will be given at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Head of School, within seven days.

15. Late applications will not be considered.

8th February, 2005

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Ingaġġ ta' *Casual Cleaners* fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

Id-Direttur Ġenerali (Edukazzjoni) jgħarraf li jilqa' applikazzjonijiet mingħand persuni li jixtiequ li jitqiegħdu fuq lista uffiċjali ta' kandidati biex skond il-ħtieġa u l-bżonn jiġu kkunsidrati għall-impieg bħala *Cleaners* fuq bażi *Casual* f'din l-Iskola ta' l-Istat:

Skola Sekondarja tal-Bniet Kan. Pawl Pullicino, ir-Rabat

2. L-ordni tal-mertu tinħoloq wara li l-applikanti eliġibbli jiġu intervistati, biex jiġi stabbilit dwar kemm huma adatti għall-post ta' *Casual Cleaners*.

3. Ir-riżultat u l-ordni tal-mertu finali jibqa' validu għal perijodu ta' sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu.

EDUCATION DIVISION

Engagement of Casual Cleaners in the Education Division

The Director General Education Division notifies that applications are being accepted from interested persons who would like to be placed on an order of merit of successful applicants for engagement as a Casual Cleaner in the following State School, if and when the need arises:

Kan. Pawl Pullicino Rabat Girls' Secondary School

2. The final order of merit, will be published after all eligible applicants are interviewed to assess their suitability for the post of Casual Cleaner.

3. The order of merit will remain valid for a period of two (2) calendar years from the date of publication of the final result.

4. Kull ingaġġ ikun ta' natura għal kollox temporanja u jista' jiġi mitmum mill-Gvern jew mill-*Casual Cleaner* f'kull żmien billi jingħata avviż bil-miktub ġimgħa qabel, bla ħtieġa li tingħata r-raġuni. L-ingaġġ ikun terminat xorta waħda għall-matul il-vaganzi ta' l-iskola tas-sajf jew inkella matul parti minnu.

5. Il-kandidati li jintgħażlu jkunu normalment mistennija li jaħdmu minn tnejn sa tliet siegħat kuljum wara l-ħin ta' l-iskola. F'każ eċċezzjonali u dejjem fid-diskrezzjoni tal-Kap ta' l-Iskola, jistgħu jintalbu li jaħdmu matul il-ħinijiet ta' l-iskola.

6. Il-ħlas ikun bir-rata ta' Lm1.61.1 għal kull siegħa maħduma. Il-*Casual Cleaners* ikunu intitolati wkoll għall-*bonus* annwali u l-ħlas supplimentari ta' kull ġimgħa, it-tnejn fuq bażi *pro-rata* skond in-numru ta' siegħat maħduma.

7. *Casual Cleaners* ma jkunux eliġibbli biex japplikaw għal sejħiet għall-applikazzjonijiet li jkunu miftuħin għall-impjegati tal-Gvern.

8. Il-kandidati għandhom:-

(a) ikunu ċittadini ta' Malta jew ta' Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija;

(ċ) ikunu ta' karattru morali taj̃jeb (ċertifikat tal-Pulizija dwar il-Kondotta maħruġ fi żmien sitt xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet, għandu jiġi mehmuż ma' l-applikazzjonijiet).

(d) ikollhom 17-il sena jew aktar. L-applikanti jridu jissottomettu ċertifikat tat-twelid tagħhom flimkien ma' ċertifikat tat-twelid ta' missierhom. Iż-żewġ ċertifikati jridu jkunu maħruġa minn awtoritajiet pubbliċi kkonċernati.

(e) (i) Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-post/pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office*.

(ii) Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-

4. Any engagement made will be of an entirely temporary nature and may be terminated by the Government or by the Casual Cleaner at any time by giving a week's notice in writing without specifying any reason thereof. The engagement will however be suspended for the whole or part thereof, of the school summer holidays.

5. Selected candidates who are engaged will normally be expected to work after school hours from 2 to 3 hours per day. Exceptionally however they may be required to work during school hours at the discretion of the Head of School.

6. Remuneration will be at a rate of Lm1.61.1 for every hour worked. Casual Cleaners will also be entitled to the annual bonus and the weekly income supplement both on a pro-rata basis according to the number of hours worked.

7. Casual Cleaners will not be eligible to apply for any internal calls for applications open to serving Malta Government employees.

8. Candidates must:

(a) be citizens of Malta or a European Union Member State;

(b) must have the ability to communicate in the Maltese language;

(c) be of good moral character (a Police Certificate of Conduct issued within 6 months prior to the closing date of applications must be produced).

(d) be 17 years of age or older. Applicants should produce their Birth Certificate with that of their father (issued from appropriate Public Authorities).

(e) (i) Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office.

(ii) Representatins in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility

applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma misthoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Kap ta' l-Iskola u tkun ikkupjata lill-KNPD.

9. Applikanti eliġibbli jridu joqogħdu għall-intervista mill-Kunsill Skolastiku ta' l-Iskola biex jiġi stabbilit kemm huma adatti għall-post ta' *casual cleaners*.

10. Kull min hu interessat jista' jiġbor applikazzjonijiet mill-Uffiċċju tas-Segretarju tal-Kunsill ta' l-iskola konċernata.

11. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu mis-Segretarju tal-Kunsill Skolastiku ta' l-Iskola sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, il-25 ta' Frar, 2005.

12. Is-Segretarju tal-Kunsill Skolastiku jagħti rċevuta għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn dak il-hin stess.

13. Min jibgħat l-applikazzjoni bil-posta għandu jieħu ħsieb li jibgħatha kmieni biżżejjed biex tasal qabel il-hin u d-data ffissati għall-għeluq ta' l- applikazzjonijiet. Tintbagħat irċevuta mis-Segretarju tal-Kunsill Skolastiku, biex jikkonferma li l-applikazzjoni tkun waslet.

It-8 ta' Frar, 2005

requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Head of school and copied to the NCPD.

9. Eligible applicants will be interviewed by the School Council to assess their suitability for the post.

10. Interested persons may collect application forms from the Office of the Secretary of the School Council of the school.

11. Applications will be received in the first instance by the Council Secretary of the school by not later than noon of Friday, 25th February, 2005.

12. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Secretary of the School Council at the time of delivery.

13. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Council's Secretary, within seven days.

8th February, 2005

